**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 7 TA' MEJJU, 2002**

**Numru: 12**

**Avviz Nru: 336/02AE**

**Pater Finance Co Ltd**

**Vs**

**Joe u Anna Maria konjugi Coleiro**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici qeghda titlob il-hlas tas-somma ta' elf u tnejn u sebghin lira Maltija (Lm1,072), rapprezentanti mport ta' ghaxar (10) kambjali, wahda ta' sebgha u tletin lira Maltija (Lm37) u disgha ta' mija

u hmistax-il lira Maltija (Lm115) debitament accettati u skaduti minn Mejju 2001 sa Frar 2002 rispettivament u mhux imhallsa.

Ra n-nota li giet prezentata mis-socjeta attrici (fol. 13) u li biha rriduciet it-talba bl-ammont ta' hamsin lira Maltija (Lm50).

Ra n-nota li giet prezentata mis-socjeta attrici (fol. 16) u li biha rriduciet it-talba ghall-hlas bl-ammont ta' hamsa u sittin lira Maltija (Lm65) (fol. 16).

Semgha x-xhieda.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. Il-konvenuti qeghdin jikkontendu li mill-ammont pretiz huma hallsu s-somma ta' erbgha mija u sittin lira Maltija (Lm460) kif spjegat fil-verbal tas-seduta tal-10 ta' April 2002 (fol. 17-18).

2. Fis-seduta tal-Hamis 2 ta' Mejju, 2002 xehed Marcel Avellino (rapprezentant tas-socjeta attrici) li kkonferma li l-hlasijiet li ssemmew mill-konvenut saru, bl-eccezzjoni ghall-pagament ta' mitejn u tletin lira Maltija (Lm230) li kien jirreferi ghall-skadenzi ta' kambjali ohra.

3. Il-konvenut ipprezenta ricevuta tal-pagament li ghamel fl-ammont ta' mitejn u tletin lira Maltija (Lm230) [Dok. JC2 – JC3]. Mill-atti jirrizulta li dan il-hlas gie mputat parti ghat-tielet kambjala (l-1 ta' Marzu 2002) u r-raba' kambjala (l-1 ta' April 2001) li m'humiex il-meritu ta' dawn il-proceduri. Il-bilanc gie mputat ghall-hames kambjala (l-1 ta' Mejju 2002) fl-ammont ta' tmienja u sebghin lira Maltija (Lm78).

4. Jirrizulta wkoll li mill-hlas ta' Lm230, is-somma ta' tnejn u ghoxrin lira Maltija (Lm22) giet imputata ghall-ispejjez tal-prezentata ta' ittra ufficjali (ara notament li hemm fuq id-dokument MA1). Dan m'ghandux isir. Il-bilanc gie prezumibilment imputat ghall-hlas ta' imghax fuq il-kambjali li kienu diga' mmaturaw u li ma thallsux fiz-zmien.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' tmien mija u ghoxrin lira Maltija (Lm820), bl-imghax mid-data li mmaturat kull wahda mill-kambjali.

L-ispejjez kollha huma ghak-karigu tal-konvenuti.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**